MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 485/1991/1

**Avukat Carmelo Mifsud Bonnici ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Capt. A Caruana Limited**

**vs**

**George Attard**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:-

Illi s-socjeta' attrici bieghet u kkonsenjat lill-konvenut diversi konsenji ta' merkanzija;

Illi l-konvenut ghad fadallu jhallas l-bilanc ta' elfejn tlett mija u erbghin lira (Lm2340) skond l-anness dokument AZ;

Illi meta dan gie debitament interpellat dan baqa' ma hallasx u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi dan id-dejn huwa cert likwidu u skadut u d-debitur ma ghandux difiza xi jressaq;

Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenut jghid ghaliex:

1. m'ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti jhallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elfejn tliet mija u erbghin lira (Lm2340) bilanc ta' bejgh u konsenja ta' merkanzija;

Bl-ispejjez inkluzi l-imghaxijiet legali mill-20 ta' Ottubru 1990 u dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 ta' Frar 1991 kontra l-konvenut li gie mharrek ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi l-konvenut qatt ma xtara merkanzija minghand is-socjeta' attrici u kwindi mhux debitur taghha u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Marzu 2000;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta' attrici tippretendi li bieghet u kkonsenjat lill-konvenut diversi konsenji ta' merkanzija, konsistenti f'xorb alkoliku u prodotti tat-tabak, u ta' dawn hi ghad ghandha tiehu minnghand l-istess konvenut il-bilanc ta' elfejn tlett mija u erbghin lira (Lm2340). Is-socjeta attrici qed tghamel din il-kawza sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas l-imsemmija somma;

Il-konvenut qed jeccepixxi li huwa qatt ma xtara merkanzija minghand is-socjeta' attrici u ghalhekk mhux debitur taghha;

Is-socjeta attrici pproduciet biss "statement of account", li jindika l-varji drabi meta gew konsenjati l-oggetti in kwestjoni, kif ukoll il-varji pagamenti li saru u finalment jindika l-bilanc imsemmi fic-citazzjoni. Is-socjeta attrici naqset li tipproduci d-"delivery notes" jew l-invoices relattivi. In effett kopji ta'dawn id-dokumenti gew eventwalment esibiti mill-konvenut, li qal li dawn gew fil-pussess tieghu biss fil-mori tal-kawza Il-konvenut qal ukoll li qabel, dawn id-dokumenti qatt ma kien rahom;

Is-socjeta attrici ghalhekk illimitat ruhha ghall-konferma li s-socjeta' attrici ghad ghandha tiehu minghand il-konvenut is-somma indikata fic-citazzjoni. Gie ukoll konfermat li lill-konvenut kien jinbghatlu "statement" kull xahar;

Dan zgur li mhux bizzejjed sabiex ikun jista jinghad li t-talbiet attrici gew sufficjentement pruvati;

Da parti tieghu il-konvenut ikkonferma li hu impjegat ma terzi u m'ghandu l-ebda negozju konness mal-bejgh ta' xorb alkoliku u prodotti tat-tabak. Huwa kkonferma ukoll li qatt ma ordna merkanzija minghand is-socjeta' attrici u qatt ma rceva konsenji ta' merkanzija minghand is-socjeta' attrici;

Il-konvenut irrefera ghall-imsemmija dokumenti li rceva fil-mori tal-kawza u kkonferma li l-firma tieghi ma tidher fuq l-

ebda wiehed minn dawn id-dokumenti. Huwa qal pero' li fuq kopja ta' "delivery note" huwa gharaf il-firma tal-mara tieghu;

Il-mara tal-konvenut iddikjarat li hi qatt ma ordnat jew xtrat merkanzija minghand is-socjeta' attrici. Qalet li f'zewg okkazzjonijiet irceviet minnghand is-socjeta attrici merkanzija d-dar taghha u f'wahda minn dawn l-okkazzjonijiet ffirmat ghall-merkanzija. Hi qalet li kienet ghamlet dan kollu peress li kien cempillha huwa Joseph Vella u kien qallha li kellu jircievi xi merkanzija ghalih fid-dar taghha u talabha zzommhielu sakemm imur jigborha. Fil-fatt huwa kien mar u gabar din il-merkanzija in kwestjoni;

Jidher ghalhekk li din l-merkanzija giet ordnat u effettivament hadha dan Joseph Vella. Tant hu hekk li minn esami tad-dokumenti li gew esibiti jidher li uhud minnhom huma effettivament iffirmati minn xi hadd Vella. Barra minn hekk ix-xhud prodott mis-socjeta attrici semma in konnessjoni ma dawn il-fatti lill-certu Joseph Vella;

Ghalhekk fic-cirkostanzi kollha tal-kaz u in vista tar-rizultanzi jista jinghad li ma giex sufficjentement pruvat li l-ordnijiet saru mill-konvenut u hemm dubju ukoll jekk il-konsenji kollha sarux fl-indirizz tal-konvenut;

Ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom jigu akkolti filwaqt li t-talbiet kollha attrici ghandhom jigu respinti;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut u billi fit-tieni lok tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kontra s-socjeta attrici.

--------------------------------TMIEM--------------------------------